MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1655/2010

**Mobisle Communications Limited – C-24655
vs
Ann Marie Caruana – ID-199187-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta` attrici talbet illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' elf erba' mija sebgha u sittin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,467.94c), liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku cellulari kont numru 446161 moghti mis-Socjeta` attrici, u dan kif ser jigi ppruvat mit-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Il-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunta ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm notifikata ma pprezentax risposta.

Dehret il-konvenuta fis-seduta tallum u ddikjarat li l-ammont pretiz mis-Socjeta` attrici huwa effettivament dovut.

Fid-dawl ta’ tali ammissjoni t-Tribunal jilqa’ it-talba tas-Socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta’ elf erba’ mija sebgha u sittin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,467.94c), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------